# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, l-Erbgha 30 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 35.
Citazz. Nru. 71/01 JRM

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Dr. Anthony CUTAJAR u l-P.L. Hilda Ellul MERCER nominati b'Degriet tal-5 t'April, 2000, bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrappresentaw lill-assenti Marie Therese GALEA GIORGI**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fis-17 ta' Jannar, 2001, li bih il-Bank attur ippremetta:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facilities" lill-konvenuta Marie Therese Galea Giorgi;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta Marie Therese Galea Giorgi fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u tmenin liri maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm3,483.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenuta Marie Therese Galea Giorgi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A sa A1", Dok "B sa B1", Dok "C sa C1" u Dok "D sa D1" flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuta giet interpellata permezz tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru 1999 (Dok "E") sabiex thallsu d-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuta Marie Therese Galea Giorgi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u tmenin liri maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm3,483.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenuta Marie Therese Galea Giorgi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A sa A1", Dok "B sa B1", Dok "C sa C1" u Dok "D sa D1") flimkien mal-imghax ulterjrui mill-1 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru 1999 (Dok "E") u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuta li hi ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Bank attur flimkien mal-hames (5) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota mressqa fit-23 ta' Frar, 2001, li biha l-imharrkin Kuraturi Deputati eccepew:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrkin Kuraturi Deputati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda tas-Socjeta' attrici;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-Degriet taghha tas-26 t'April, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi mill-provi mressqa mill-Bank attur jidher li l-imharrka nghatat erba' (4) facilitajiet ta' self f'okkazjonijiet differenti;

Illi l-ewwel facilita' ta' self mahruga lill-imharrka Therese Galea Giorgi nfethet fis-sebgha (7) ta' Jannar, 1997, [Dok "B", f'pagna 8 tal-process], b'arrangament li jsiru hlasijiet b'rati permezz ta' *standing order*. Ghall-bidu, l-imharrka wettqet dawn il-hlasijiet, kif juri l-istess dokument. Il-facilita' kienet ghal elf u hames mitt lira maltija (Lm1,500);

Illi t-tieni facilita' nghatat lill-imharrka f'Marzu ta' dik is-sena, u ghall-ammont ta' elf lira maltija (Lm1,000) [Dok "D", f'pagna 12] ukoll b'arrangamenti li jsiru hlasijiet permezz ta' *standing order*, liema hlasijiet l-imharrka tidher li wettqet biss matul dik l-istess sena;

Illi l-imharrka nghatat it-tielet u r-raba' facilita' f'Lulju tal-1998 [Dok "A", pagna 6 u Dok "C", f'pagna 10], li jidher li ma hallset qatt xejn lura minnhom lura. Dawn il-facilitajiet kienu ghal hames mija u hamsin lira maltija (Lm550) u hames mija u tmien liri maltin (Lm508) rispettivament;

Illi wara l-1998, ma jidhirx li l-imharrka wettqet xi hlas iehor in konsiderazzjonijiet tal-erba' (4) facilitajiet moghtija lilha;

Illi l-Bank attur jidher li beda jfittex lill-imharrka bil-Qorti biex thallas dak minnha dovut f'Dicembru, 1999 [Dok "E", f'pagni 13-14], bit-tahbit kollu li wassal ghall-hatra tal-Kuraturi Deputati biex jidhru ghaliha;

Illi, mill-korrispondenza mressqa mill-Kuraturi Deputati waqt is-smigh tal-kawza, [Dok "AC2", Dok "AC3" u Dok "AC4", f'pagni 26 sa 30 tal-process] jidher li l-imharrka marret tghix l-Ingilterra u, b'xi mod satret it-tracci taghha, minkejja ghadd ta' tentativi min-naha tal-Bank attur u tal-istess Kuraturi Deputati biex jgharrfuha bil-proceduri u b'dak li kellha taghti;

Illi l-Bank attur ikkonferma li l-ammont li kien dovut lilu fiz-zmien li nfethet il-kawza ma thallas xejn minnu sallum. Min-naha l-ohra, il-Kuraturi Deputati ma ressqu l-ebda kontestazzjoni ghat-talba attrici u lanqas dwar il-komputazzjoni tal-imghaxijiet;

Illi, ghalhekk, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici** u ghalhekk tikkundanna lill-imharrka Marie Therese Galea Giorgi thallas lill-Bank attur is-somma ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u tmenin liri maltin u disgha u tmenin centemu (Lm3483.89) minnu mitluba, bhala bilanc ghad-debitu ta' self maghmul lilha kif imfisser 'il fuq, flimkien mal-imghax ulterjuri fuq dik is-somma b'effett mill-1 t'Ottubru, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv;

Tikkundanna lill-imharrka thallas ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-atti kawtelatorji mahruga kontra taghha.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**30 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju, 2001.**